DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2021/395

tal-4 ta' Marzu 2021

li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/668 fir-rigward tal-istandards armonizzati dwar il-proprjetajiet elettrostatiċi tal-ilbies protettiv, tal-ilbies protettiv għall-ħaddiema tat-tifi tan-nar u għar-rikkieba tal-muturi, tal-ilbies protettiv li jintuża fis-snowboarding u tal-ilbies li jintlibes mill-operaturi li jitfgħu l-pestiċidi u mill-ħaddiema li jerġgħu jidħlu fiż-żona fejn ikunu ntefgħu l-pestiċidi, tat-tagħmir iktar viżibbli għal sitwazzjonijiet ta' riskju medju, tat-tagħmir tal-alpiniżmu u tal-ilbies protettiv kontra l-perikli termali ta' ark elettriku

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1025/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar l-Istandardizzazzjoni Ewropea, li jemenda d-Direttivi tal-Kunsill 89/686/KEE u 93/15/KEE u d-Direttivi 94/9/KE, 94/25/KE, 95/16/KE, 97/23/KE, 98/34/KE, 2004/22/KE, 2007/23/KE, 2009/23/KE u 2009/105/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 87/95/KEE u d-Deċiżjoni Nru 1673/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 10(6) tiegħu,

Billi:

(1) F'konformità mal-Artikolu 14 tar-Regolament (UE) 2016/425 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]), it-tagħmir ta' protezzjoni personali li jkun konformi ma' standards armonizzati jew ma' partijiet minnhom, li r-referenzi tagħhom ikunu ġew ippubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, irid ikun preżunt konformi mar-rekwiżiti essenzjali tas-saħħa u tas-sikurezza stabbiliti fl-Anness II ta' dak ir-Regolament koperti minn dawk l-istandards jew minn partijiet minnhom.

(2) Permezz tal-ittra M/031, bit-titolu "Standardisation mandate to CEN/CENELEC concerning standards for personal protective equipment" (Mandat ta' standardizzazzjoni indirizzat lis-CEN/CENELEC li jikkonċerna standards għal tagħmir ta' protezzjoni personali), il-Kummissjoni għamlet talba lill-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni (CEN) u lill-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni Elettroteknika (CENELEC) biex jiġu żviluppati u abbozzati standards armonizzati b'appoġġ għad-Direttiva tal-Kunsill 89/686/KEE ([3]).

(3) Abbażi tat-talba ta' standardizzazzjoni fl-ittra M/031, is-CEN abbozza diversi standards ġodda u rreveda għadd ta' standards armonizzati eżistenti.

(4) Fid-19 ta' Novembru 2020, it-talba ta' standardizzazzjoni fl-ittra M/031 skadiet u ġiet sostitwita b'talba ġdida ta' standardizzazzjoni kif stabbilit fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni C(2020) 7924 ([4]).

(5) Billi r-Regolament (UE) 2016/425 japplika minflok ir-rekwiżiti essenzjali tas-saħħa u tas-sikurezza applikabbli għat-tagħmir ta' protezzjoni personali stabbiliti bid-Direttiva 89/686/KEE, l-abbozzi tal-istandards armonizzati żviluppati skont it-talba ta' standardizzazzjoni fl-ittra M/031 huma koperti mit-talba ta' standardizzazzjoni stabbilita fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni C(2020) 7924. Għaldaqstant, ir-referenzi tagħhom jenħtieġ li jiġu ppubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. Għalhekk jista' jiġi aċċettat b'mod eċċezzjonali li tali standards żviluppati u ppubblikati mis-CEN u mis-CENELEC matul il-perjodu ta' tranżizzjoni bejn it-talba ta' standardizzazzjoni fl-ittra M/031 u t-talba ta' standardizzazzjoni stabbilita fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni C(2020) 7924 ma fihomx referenza espliċita għat-talba ta' standardizzazzjoni stabbilita fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni C(2020) 7924.

([1]) ĠU L 316, 14.11.2012, p. 12.

([2]) Ir-Regolament (UE) 2016/425 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar tagħmir ta' protezzjoni personali u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 89/686/KEE (ĠU L 81, 31.3.2016, p. 51).

([3]) Id-Direttiva tal-Kunsill 89/686/KEE tal-21 ta' Diċembru 1989 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri rigward l-apparat personali protettiv (ĠU L 399, 30.12.1989, p. 18).

([4]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni C(2020) 7924 tad-19 ta' Novembru 2020 dwar talba ta' standardizzazzjoni lill-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni u lill-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni Elettroteknika rigward it-tagħmir protettiv personali b'appoġġ għar-Regolament (UE) 2016/425 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

(6) Abbażi tat-talba ta' standardizzazzjoni fl-ittra M/031 u tat-talba ta' standardizzazzjoni stabbilita fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni C(2020) 7924, is-CEN u s-CENELEC abbozzaw l-istandards armonizzati li ġejjin: EN 17109:2020 dwar sistemi tas-sikurezza individwali għall-perkorsi fl-għoli bil-ħbula, EN ISO 20320:2020 dwar protetturi tal-polz li jintużaw fis-snowboarding, l-emenda EN ISO 27065:2017/A1:2019 għall-istandard armonizzat EN ISO 27065:2017 dwar ir-rekwiżiti tal-prestazzjoni għall-ilbies protettiv li jintlibes mill-operaturi li jitfgħu l-pestiċidi u mill-ħaddiema li jerġgħu jidħlu fiż-żona fejn ikunu ntefgħu l-pestiċidi u EN 61482-2:2020 dwar l-ilbies protettiv kontra l-perikli termali ta' ark elettriku b'appoġġ għar-Regolament (UE) 2016/425.

(7) Abbażi tat-talba ta' standardizzazzjoni fl-ittra M/031 u tat-talba ta' standardizzazzjoni stabbilita fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni C(2020) 7924, is-CEN irreveda l-istandard armonizzat EN 469:2005, kif emendat b'EN 469:2005/A1:2006 u kkoreġut b'EN 469:2005/AC:2006 u EN 1149-5:2008, li r-referenzi tagħhom huma ppubblikati fis-serje C ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* ([5]). Dik ir-reviżjoni rriżultat fl-adozzjoni tal-istandards armonizzati EN 469:2020 dwar ir-rekwiżiti tal-prestazzjoni għall-ilbies protettiv għall-attivitajiet tat-tifi tan-nar u, rispettivament, EN 1149-5:2018 dwar il-proprjetajiet elettrostatiċi tal-ilbies protettiv.

(8) Abbażi tat-talba ta' standardizzazzjoni fl-ittra M/031 u tat-talba ta' standardizzazzjoni stabbilita fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni C(2020) 7924, is-CEN irreveda l-istandards armonizzati EN 13595-1:2002 u EN 13595-3:2002, li r-referenzi tagħhom huma ppubblikati fis-serje C ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* ([6]). Dik ir-reviżjoni rriżultat fl-adozzjoni tal-istandards armonizzati EN 17092-2:2020 dwar l-ilbies protettiv tal-klassi AAA għar-rikkieba tal-muturi, EN 17092-3:2020 dwar l-ilbies protettiv tal-klassi AA għar-rikkieba tal-muturi, EN 17092-4:2020 dwar l-ilbies protettiv tal-klassi A għar-rikkieba tal-muturi, EN 17092-5:2020 dwar l-ilbies protettiv tal-klassi B għar-rikkieba tal-muturi u EN 17092-6:2020 dwar l-ilbies protettiv tal-klassi C għar-rikkieba tal-muturi.

(9) Abbażi tat-talba ta' standardizzazzjoni fl-ittra M/031 u tat-talba ta' standardizzazzjoni stabbilita fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni C(2020) 7924, is-CEN irreveda l-istandards armonizzati EN 1150:1999 u EN 13356:2001, li r-referenzi tagħhom huma ppubblikati fis-serje C ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* ([7]). Dan irriżulta fl-adozzjoni tal-istandard armonizzat EN 17353:2020 dwar it-tagħmir iktar viżibbli għal sitwazzjonijiet ta' riskju medju.

(10) Il-Kummissjoni flimkien mas-CEN u mas-CENELEC ivvalutat jekk l-istandards abbozzati u riveduti mis-CEN u mis-CENELEC jikkonformawx mat-talba ta' standardizzazzjoni stabbilita fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni C(2020) 7924.

(11) L-istandards armonizzati EN 17109:2020, EN ISO 20320:2020, EN ISO 27065:2017/A1:2019, EN 469:2020, EN 1149-5:2018, EN 17092-2:2020, EN 17092-3:2020, EN 17092-4:2020, EN 17092-5:2020, EN 17092-6:2020, EN 17353:2020 u EN 61482-2:2020 u l-emenda EN ISO 27065:2017/A1:2019 sa EN ISO 27065:2017 jissodisfaw ir-rekwiżiti li għandhom l-għan li jkopru u li huma stabbiliti fir-Regolament (UE) 2016/425. Għaldaqstant, jixraq li r-referenzi ta' dawk l-istandards jiġu ppubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

(12) Għalhekk jeħtieġ li jiġu rtirati r-referenzi tal-istandard armonizzat EN 469:2005 kif emendat b'EN 469:2005/A1:2006 u kkoreġut b'EN 469:2005/AC:2006, EN 1149-5:2008, EN 13595-1:2002, EN 13595-3:2002, EN 1150:1999, EN 13356:2001 u EN ISO 27065:2017 mis-serje C ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, peress li dawk l-istandards ġew riveduti.

(13) L-Anness I tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/668 ([8]) jelenka r-referenzi tal-istandards armonizzati abbozzati b'appoġġ għar-Regolament (UE) 2016/425, filwaqt li l-Anness II tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/668 jelenka r-referenzi tal-istandards armonizzati abbozzati b'appoġġ għar-Regolament (UE) 2016/425 li ġew irtirati minn *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* mid-dati stabbiliti f'dak l-Anness.

(14) Għalhekk, jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/668 tiġi emendata skont dan.

([5]) ĠU C 113, 27.3.2018, p. 41.
([6]) ĠU C 113, 27.3.2018, p. 41.
([7]) ĠU C 113, 27.3.2018, p. 41.
([8]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/668 tat-18 ta' Mejju 2020 dwar l-istandards armonizzati għat-tagħmir ta' protezzjoni personali abbozzati b'appoġġ għar-Regolament (UE) 2016/425 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 156, 19.5.2020, p. 13).

(15) Sabiex il-manifatturi jkollhom biżżejjed żmien biex iħejju għall-applikazzjoni tal-istandards riveduti u emendati, jeħtieġ li jiġi differit l-irtirar rispettiv tar-referenzi tal-istandards elenkati fl-Anness II.

(16) Il-konformità ma' standard armonizzat tikkonferixxi preżunzjoni ta' konformità mar-rekwiżiti essenzjali korrispondenti stabbiliti fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-armonizzazzjoni mid-data tal-pubblikazzjoni tar-referenza ta' tali standard f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. Din id-Deċiżjoni jenħtieġ li tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Anness I tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/668 huwa emendat f'konformità mal-Anness I ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

L-Anness II tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/668 huwa emendat f'konformità mal-Anness II ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, l-4 ta' Marzu 2021.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS I

Fl-Anness I tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/668 jiżdiedu l-entrati li ġejjin:

Nru	Referenza tal-istandard
"20.	EN 1149-5:2018 Ilbies protettiv – Proprjetajiet elettrostatiċi – Parti 5: Prestazzjoni tal-materjal u rekwiżiti tad-disinn
21.	EN 17092-2:2020 Ilbies protettiv għar-rikkieba tal-muturi – Parti 2: Ilbies tal-klassi AAA – Rekwiżiti
22.	EN 17092-3:2020 Ilbies protettiv għar-rikkieba tal-muturi – Parti 3: Ilbies tal-klassi AA – Rekwiżiti
23.	EN 17092-4:2020 Ilbies protettiv għar-rikkieba tal-muturi – Parti 4: Ilbies tal-klassi A – Rekwiżiti
24.	EN 17092-5:2020 Ilbies protettiv għar-rikkieba tal-muturi – Parti 5: Ilbies tal-klassi B – Rekwiżiti
25.	EN 17092-6:2020 Ilbies protettiv għar-rikkieba tal-muturi – Parti 6: Ilbies tal-klassi C – Rekwiżiti
26.	EN 17109:2020 Tagħmir tal-alpiniżmu – Sistemi tas-sikurezza individwali għall-perkorsi fl-għoli bil-ħbula – Rekwiżiti tas-sikurezza u metodi tal-ittestjar
27.	EN 61482-2:2020 Xogħol fejn hemm kurrent elettriku għaddej – Ilbies protettiv kontra l-perikli termali ta' ark elettriku – Parti 2: Rekwiżiti
28.	EN ISO 20320:2020 Ilbies protettiv li jintuża fis-snowboarding – Protetturi tal-polz – Rekwiżiti u metodi tal-ittestjar (ISO 20320:2020)
29.	EN 17353:2020 Ilbies protettiv – Tagħmir iktar viżibbli għal sitwazzjonijiet ta' riskju medju – Metodi tal-ittestjar u rekwiżiti
30.	EN 469:2020 Ilbies protettiv għall-ħaddiema tat-tifi tan-nar – Rekwiżiti tal-prestazzjoni għall-ilbies protettiv għall-attivitajiet tat-tifi tan-nar
31.	EN ISO 27065:2017 Ilbies protettiv – Rekwiżiti tal-prestazzjoni għall-ilbies protettiv li jintlibes mill-operaturi li jitfgħu l-pestiċidi u mill-ħaddiema li jerġgħu jidħlu fiż-żona fejn ikunu ntefgħu l-pestiċidi (ISO 27065:2017) EN ISO 27065:2017/A1:2019."

ANNESS II

Fl-Anness II tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/668 jiżdiedu l-entrati li ġejjin:

Nru	Referenza tal-istandard	Data tal-irtirar
"15.	EN 469:2005 Ilbies protettiv għall-ħaddiema tat-tifi tan-nar – Rekwiżiti tal-prestazzjoni għall-ilbies protettiv għall-attivitajiet tat-tifi tan-nar EN 469:2005/A1:2006 EN 469:2005/AC:2006	il-5 ta' Settembru 2022
16.	EN 1149-5:2008 Ilbies protettiv – Proprjetajiet elettrostatiċi – Parti 5: Prestazzjoni tal-materjal u rekwiżiti tad-disinn	il-5 ta' Settembru 2022
17.	EN 13595-1:2002 Ilbies protettiv għar-rikkieba professjonali tal-muturi – Ġkieket, qliezet u tuti f'biċċa waħda jew diviżi – Parti 1: Rekwiżiti ġenerali	il-5 ta' Settembru 2022
18.	EN 13595-3:2002 Ilbies protettiv għar-rikkieba professjonali tal-muturi – Ġkieket, qliezet u tuti f'biċċa waħda jew diviżi – Parti 3: Metodu tal-ittestjar għad-determinazzjoni tar-reżistenza kontra t-tifqigħ	il-5 ta' Settembru 2022
19.	EN 1150:1999 Ilbies protettiv – Ilbies iktar viżibbli għal użu mhux professjonali – Metodi tal-ittestjar u rekwiżiti	il-5 ta' Settembru 2022
20.	EN 13356:2001 Aċċessorji viżibbli għal użu mhux professjonali – Metodi tal-ittestjar u rekwiżiti	il-5 ta' Settembru 2022
21.	EN ISO 27065:2017 Ilbies protettiv – Rekwiżiti tal-prestazzjoni għall-ilbies protettiv li jintlibes mill-operaturi li jitfgħu l-pestiċidi u mill-ħaddiema li jerġgħu jidħlu fiż-żona fejn ikunu ntefgħu l-pestiċidi (ISO 27065:2017)	il-5 ta' Settembru 2022".